# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Gunju 2018**

**Kawza Numru : 19**
**Rikors Guramentat Numru : 61/2018/LSO**

**Antoinette Grixti ID 444051M**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Antoinette Grixti datat 22 ta' Jannar 2018 fejn esponiet :

## A. Dikjarazzjoni tal-fatti

1. Illi l-esponenti hija oht Ganna Zahra nee' Busuttil li twieldet nhar it-2 ta' Novembru 1943 (Dok A) u li mietet nhar is-16 ta' Gunju 2017 (Dok B).

2. Illi fl-Att tat-Twelid ta' l-imsemmija Ganna Zahra nee' Busuttil hemm erronjament indikat li ommha kien jisimha Karmena mart Giuseppi Busuttil.

3. Illi fl-Att tal-Mewt ta' l-imsemmija Ganna Zahra nee' Busuttil hemm erronjament indikat li hija jisimha 'Jane' minflok 'Ganna' u ommha hija wkoll erronjament indikata bhala 'Karmena' Busutti nee' Busuttil minflok 'Angela' Busuttil.

4. Illi fil-verita` isem omm Ganna Zahra nee' Busuttil huwa 'Angela' u dana kif jirrizulta ben tajjeb mic-certifikati tal-Twelid u tal-Mewt taghha annessi dokumenti C u D rispettivament u kif ukoll mic-certifikat tal-Maghmudija ta' Ganna Zahra (Dok E) mahrug mill-Parocca Konversjoni ta' San Pawl - Safi.

5. Illi noltre' isem Ganna Zahra nee' Busuttil jirrizulta ben car mill-Att tat-Twelid taghha (Dok A).

6. Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza ta' l-esponenti.

**B. Raguni ghat-Talbiet f' dawn il-proceduri**

1. Illi r-raguni li ghaliha saret dina l-kawza hija principarjament sabiex tigi esegwita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid ta' Ganna Zahra nee' Busuttil bin-numru tal-iskrizzjoni sebat elef, mija u tmienja u ghoxrin tas-sena elf, disa' mija u tlieta u erbghin (7128/1943) u tal-Att tal-Mewt bin-numru tal-iskrizzjoni, elf, disa' mija u tmienja u sebghin tas-sena elfejn u sbatax (1978/2017) rispettivament, tal-mejta Ganna Zahra nee' Busuttil, fis-sens illi omm l-imsemmija Ganna Zahra nee' Busuttil jkun indikat bhala 'Angela' minflok 'Karmena' Busuttil u dana kemm fl-Att tat-Twelid u kemm fl-Att tal-Mewt tal-imsemmija Ganna Zahra nee' Busuttil, u kif ukoll isem il-mejta fl-imsemmi Att tal-Mewt jkun indikat bhala 'Ganna' flok 'Jane' Zahra.

**C. Talbiet Attrici**

Ghaldaqstant l-esponent, *in vista* ta' dak kollu fuq premess, titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Fl-ewwel lok tiddikjara li omm Ganna Zahra nee' Busuttil li twieldet it-2 ta' Novembru 1943 skont l-Att tat-Twelid taghha bin-numru tal-iskrizzjoni sebat elef, mija u tmienja u ghoxrin tas-sena elf, disa' mija u tlieta u erbghin (7128/1943) u li mietet nhar is-16 ta' Gunju 2017 skont l-Att tal-Mewt taghha bin-numru tal-iskrizzjoni elf, disa' mija u tmienja u sebghin tas-sena elfejn u sbatax (1978/2017), kien jisimha 'Angela' Busuttil u mhux 'Karmena' Busuttil.

2. Tordna l-korrezzjoni relattiva fl-Att tat-Mewt ta' Ganna Zahra nee' Busuttil bin-numru tal-iskrizzjoni elf, disa' mija u tmienja u sebghin tas-sena elfejn u sbatax (1978/2017), billi taht il-kolonna 'Isem u Kunjom', l-isem 'Jane' jkun mhassar u sostitwit bl-isem 'Ganna', filwaqt illi taht l-kolonna 'Isem u Kunjom il-Genituri jekk hajjin jew mejtin' l-isem tal-omma 'Karmena' jkun mhassar u sostitwit bl-isem 'Angela'.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-8 ta' Marzu 2018.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 21 ta' Frar 2018 (fol 20) fejn Dr Astrid May Grima ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat :-

1. Illi preliminarjament r-rikorrenti ghandha tipprova l-interess guridiku taghha sabiex din l-azzjoni tkun tista' tirnexxi;

2. Illi bla hsara ghas-suespost u *in limine litis* huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi bla hsara ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenti tiddikjara illi m'hijiex edotta mill-fatti kif dikjarati fir-rikors guramentat;

4. Illi minkejja l-premess, l-esponenti telenka l-osservazzjonijiet taghha wara li gew evalwati s-segwenti Atti Civili:

a. Mill-Att tat-Twelid bin-numru progressiv ta' 7128 tas-sena 1943, li jinsab anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1', jidher illi:

(i) L-ismijiet li inghataw lil oht ir-rikorrenti kien proprju dak ta' **'GANNA KATARINA KARMENA',** u

(ii) Isem omm ir-rikorrenti u l-mejta Ganna Zahra, fl-istess Att tat-Twelid tnizzel bhala **'KARMENA WIFE OF THE SAID GIUSEPPI BUSUTTIL'.**

b. Mill-Att taz-Zwieg bin-numru progressiv ta' 1656 tas-sena 1975, li jinsab anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 2', jidher illi:

(i) Isem oht ir-rikorrenti kien tnizzel bhala **'JOAN BUSUTTIL',** u,

(ii) Isem omm ir-rikorrenti kien tnizzel bhala **'ANGELA'.**

c. Mill-Att tal-Mewt bin-numru progressiv ta' 1978 tas-sena 2017, li jinsab anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 3', jidher illi:

(i) Isem oht ir-rikorrenti kien tnizzel bhala **'JANE ZAHRA'**, u,

(ii) Isem omm ir-rikorrenti kien tnizzel bhala **'KARMENA BUSUTTIL'.**

d. Mill-Att tat-Twelid bin-numru progressiv ta' 1082 tas-sena 1920, li jinsab anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 4', jidher illi:

(i) L-isem li nghata lil omm ir-rikorrenti, kien dak ta' **'ANGELA'**.

e. Mill-Att taz-Zwieg bin-numru progressiv ta' 871 tas-sena 1940, li jinsab anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 5', jidher illi:

(i) Isem omm ir-rikorrenti kien tnizzel bhala **'ANGELA BUSUTTIL'.**

f. Mill-Att tal-Mewt bin-numru progressiv ta' 1593 tas-sena 2014, li jinsab anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 6', jidher illi:

(i) Isem omm ir-rikorrenti kien tnizzel bhala '**ANGELA BUSUTTIL'.**

5. Illi maghdud mal-premess, l-esponenti taghmel ukoll referenza ghal fatt illi nhar il-11 ta' Awwissu 2014, id-defunta Jane Zahra kienet talbet lid-Dipartiment tar-Registru Pubbliku sabiex ssir alterazzjoni ta' isimha fl-Att tat-Twelid taghha stess, u dan sabiex l-ismijiet moghtija lilha dakinhar tad-dikjarazzjoni tat-twelid taghha, u cioe' **'GANNA, KATARINA, KARMENA, msejha bl-isem**

**GANNA'**, jigu sostitwiti bl-isem 'JANE'. Tali talba ssir *ai termini* tal-Artikolu 278A tal-Kodici Civili li jistipula f' sub-inciz 2 u 3, illi:

*"(2) Kull persuna tista' titlob lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, permezz ta' dikjarazzjoni ffirmata sottomessa fil-Formula V li tinstab fil-Taqsima II tal-Ewwel Skeda ma' dan il-Kodici, biex taghmel annotazzjoni fl-att ta' twelid taghha jew fir-Registru ta' Persuni Adottati sabiex:*

*(a) tikkoregi xi varjazzjonijiet zghar ortografici f' isimha;*

*(b) tuza "isem li bih ghandha tissemma" li jirrizulta minn xi att ta' stat civili ta' dik il-persuna jew minn dokument Malti ta' identifikazzjoni jew passaport:*

*Izda dan l-att ta' stat civili jew dokument Malti ta' identifikazzjoni jew passaport ta' din il-persuna jkunu gew mahruga qabel l-1 ta' Dicembru 2012.*

*(3) Id-dikjarazzjoni maghmula fuq il-Formula V li tinstab fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda ma' dan il-Kodici ghandha tkun irrevokabbli u ghandha tigi accettata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hlas ta' dritt kif preskritt mill-Ministru responsabbli ghar-Registru Pubbliku";*

6. Illi ghal tali fini, l-esponenti qieghda tannetti Formola V ffirmata minn Jane Zahra li giet sottomessa lid-Direttur konvenut fil-11 ta' Awwissu 2014, liema kopja qed tigi mmarkata bhala 'Dok. DRP 7'. Flimkien ma' din l-imsemmija Formola, id-defunta Zahra wkoll ipprezentat

kopja tal-Karta tal-Identita' taghha mahruga qabel is-sena 2012, u dan sabiex tissodisfa l-kriterji hawn fuq elenkati f' Artikolu 278A tal-Kodici Civili, liema kopja qed tigi wkoll annessa u mmarkata bhala 'Dok. DRP 8';

7. Illi *stante* li t-talba ta' Jane Zahra giet milqugha mid-Direttur konvenut, fl-Att tat-Twelid ta' Jane *Zahra* gew ittimbrati ukoll il-kliem *'Vide Annotation in Register*';

8. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponenti tissottometti illi d-Direttur konvenut ma ghandux jinzamm responsabbli ghal proceduri istanti galadarba ma jirrizulta ebda nuqqas da parti d-Direttur konvenut u dan ghaliex huwa dejjem irregistra l-Atti fuq imsemmija skont kif gew iddikjarati mid-dikjaranti u kif ukoll irregistra l-annotazzjonijiet mitluba lilu li kienu permissibli *ai termini* tal-ligi;

9. Illi ghaldaqstant fir-rigward tat-talbiet kif dedotti u dan bla hsara ghal premess, l-esponenti tirrimetti ruhha rigward *l-ewwel talba* sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li omm Jane Zahra kien jisimha 'Angela' Busuttil u mhux 'Karmena' Busuttil', u kif ukoll tirrimetti ruhha fir-rigward *it-tieni parti tat-tieni talba* u cioe' fejn ir-rikorrenti qed titlob il-korrezzjoni fl-Att tal-Mewt ta' Jane Zahra sabiex taht il-kolonna 'Isem u Kunjom il-Genituri jekk hajjin jew mejtin', l-isem ta' omm ir-rikorrenti jigi mhassar u sostitwit bl-isem 'Angela';

10. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, u rigward *l-ewwel parti tat-tieni talba* tar-rikorrenti, fejn qed jigi mitlub illi ssir il-korrezzjoni fl-Att tal-Mewt ta' Jane Zahra sabiex taht il-

kolonna 'Isem u Kunjom', l-isem 'Jane' jkun mhassar u sostitwit bl-isem 'Ganna', l-esponenti toggezzjona ghal tali talba *stante* li *ai termini* ta' Artikolu 278A(3) tal-Kodici Civili: "*Id-dikjarazzjoni maghmula fuq il-Formula V li tinstab fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda ma' dan il-Kodici ghandha tkun irrevokabbli";*

11. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponenti u kwindi hija m'ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 15 ta' Mejju 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. L-attrici prezenti fl-Awla. Id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx provi ulterjuri. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Gunju 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li

taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** saret debitament fid-29 ta' Jannar 2018 (fol 19) b'hekk it-tieni eccezzjoni hija sorvolata.

**Interess Guridiku:**

Referibbilment ghall-ewwel eccezzjoni, fejn gie eccepit li r-rikorrenti trid tipprova l-interess guridiku taghha, jinghad li l-kuncett tal-interess guridiku hu mibni fuq l-utilita` finali tal-azzjoni ghal min qed jipproponi l-azzjoni. (*Vide* ad ez. **"Pietro Paolo Borg vs Giuseppe Caruana"**, deciza mill-Qorti tal-Appell, fit-3 ta' Dicembru 1984)[1].

Gie ritenut ukoll izda li minbarra dawn l-elementi, biex wiehed ikollu interess li jiftah kawza, dak l-interess (jew ahjar, il-motiv) tat-talba ghandu jkun *"konkret u jezisti fil-konfront ta' dak li kontra tieghu t-talba ssir*."[2]

Fil-kaz odjern, ir-rikorrenti ghandha interess guridiku biex tressaq il-kaz in ezami *stante* li hija werrieta ta' ommha Karmena Busuttil flimkien ma' hutha l-ohra kif jidher minn Dok AG1 sa Dok AG4.  Difatti fit-testment ta' l-omm, Dok AG1 datat 27 ta' Novembru 2013, esebit a fol 36 *et sequens*, jirrizulta li t-testatrici nnominat bhala eredi universali, fi kwoti indaqs bejniethom lis-sitt uliedha.

[1] Ara wkoll **"Agatha Formosa Gauci vs Dr. Francis Lanfranco"** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Novembru 2003.
[2] Ara perezempju, sentenza ta' din il-Qorti (PA-SP) moghtija fit-13 ta' Marzu 1992, fil-kawza fl-ismijiet **"Francis Tonna vs Vincent Grixti"** (Kollezz. Vol. LXXVI.iii.592) li jiccita **Brockdorff vs Pace Balzan – Vol. XVII.piii.p.15**

Inoltre`, kif xehdet fl-istess affidavit taghha, r-rikorrenti hija wkoll eredi ta' ohtha Ganna Zahra nee` Busuttil skont l-ahhar testment tad-defunta ohtha datat 10 ta' April 2017 a fol 44 *et sequens*.

Ghaldaqstant din il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrenti ghandha l-interess guridiku rikjest, li hu interess dirett, konkret u attwali fil-konfront tal-intimat sabiex jigu korretti l-atti in mertu.

Ghalhekk, tichad l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat.

**Provi:**

Ir-rikorrenti xehdet permezz ta' affidavit (fol 35) in sostenn tat-talbiet taghha. Spjegat li hi ma kinitx taf li ohtha defunta kienet ghamlet procedura biex tbiddel isimha minn Ganna ghal Jane.

Ikkonsidrat li r-rikorrenti qed titlob li jigi korrett l-att tat-twelid tad-defunta Ganna Zahra, oht ir-rikorrenti, u l-att tal-mewt tal-istess Ganna Zahra billi jitnizzel li ommhom kien jisimha "Angela" Busuttil u mhux "Karmena" Busuttil. Inoltre`, qed jigi mitlub ukoll, li fl-istess att tal-mewt ta' Ganna Zahra l-isem hemm indikat bhala "Jane" jigi sostitwit bl-isem "Ganna" u taht il-kolonna 'Isem u kunjom tal-genituri hajjin jew mejtin' l-isem ta' ommha Karmena jigi mhassar u sostitwit bl-isem "Angela."

Ikkunsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza, limitatament ghall-ewwel talba u t-tieni talba referibbilment ghal fejn qed tigi mitluba

korrezzjoni sabiex jigi dikjarat li omm 'Jane Zahra' jigi korrett billi jitnizzel l-isem "Angela" Busuttil minflok "Karmena" Busuttil.

Ghalhekk, jidher li t-talbiet sabiex omm ir-rikorrenti jigi korrett minn 'Karmena' ghal 'Angela' Busuttil fl-att tat-twelid u fl-att tal-mewt ta' ohtha Jane Zahra, hija gustifikata, *stante* li sorretta bic-certifikati fl-atti tal-kaz. Difatti, fl-att tat-twelid ta' Angela Busuttil, omm ir-rikorrenti esebit bhala Dok C mar-rikors promotur, u f'Dok D l-att tal-mewt, jidher li isimha kien indikat bhala "Angela". Inoltre`, fic-certifikat tal-Maghmudija ta' Ganna Zahra nee` Busuttil, isem ommha huwa indikat bhala "Angela."

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li l-Ligi taghna tirrikonoxxi bhala prova tal-kontenut taghhom sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju *inter alia* "l-atti u r-registri tal-parrocci dwar twelid, zwieg u mewt, u d-dispozizzjonijiet maghmula skont il-ligi quddiem Kappillan." (**artikolu 629(b) tal-Kap 12**).

*Di piu`*, t-talba attrici hija sostnuta mid-diversi dokumenti ohra esebiti mar-risposta tal-Intimat (Dok DRP2; Dok DRP4 u Dok DRP 6).

Referibbilment ghas-sitt, is-seba', t-tmien u l-ghaxar eccezzjoni tad-Direttur intimat, taqbel li d-dikjarazzoni maghmula fuq il-Formola V li tinsab fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda ma' dan il-Kodici ghandha tkun irrevokabbli.

Ikkunsidrat, li r-rikorrenti rrinunzjat ghat-tieni talba taghha b'referenza ghal dak mitlub fir-rigward ta' ohtha Jane Zahra kif verbalizzat fis-seduta tas-26 ta' April 2018 (fol 34) u ghalhekk din il-Qorti tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni taghha fil-limiti imsemmija.

Ghaldaqstant din il-Qorti ser takkolji t-talbiet tar-rikorrenti, limitatament ghall-korrezzjoni ta' isem omm 'Jane Zahra', li ghandu jigi imnizzel bhala "Angela" mhux "Karmena".

Ghal dak li jirrigwarda l-kap tal-ispejjez, jirrizulta mill-atti esebiti mill-intimat stess li l-isem korrett ta' omm Jane Zahra hija "Angela". Madanakollu r-rikorrenti ressqet talbiet inutilment fir-rigward tal-isem ta' ohtha. Ghaldaqstant kull parti ser ibaghti l-ispejjez tieghu/taghha.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta'** u **tiddeciedi** billi t-tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif gej:

1.Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li omm Jane Zahra nee' Busuttil li twieledet nhar it-2 ta' Novembru 1943 skont l-Att tat-Twelid taghha bin-numru tal-iskrizzjoni sebat elef, mija u tmienja u ghoxrin tas-sena elf, disa' mija u tlieta u erbghin (7128/1943) u li mietet nhar is-16 ta' Gunju 2017 skont l-Att tal-Mewt taghha bin-numru tal-iskrizzjoni elf, disa' mija u tmienja u sebghin tas-sena elfejn u sbatax (1978/2017), kien jisimha 'Angela' Busuttil u mhux 'Karmena' Busuttil.

2. Tilqa' t-tieni talba limitatament sabiex tordna l-korrezzjoni relattiva fl-att tal-mewt ta' Jane Zahra nee` Busuttil bin-numru 1978 tas-sena 2017 billi taht il-kolonna 'Isem u kunjom il-genituri jekk hajjin jew mejtin', l-isem ta' ommha "Karmena" jigi sostitwit bl-isem "Angela."

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**Kull parti thallas l-ispejjez tieghu/taghha.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**28 ta' Gunju 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Gunju 2018**